

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

25.4.2007

B6-0160/2007 }  
B6-0173/2007 }  
B6-0176/2007 }  
B6-0181/2007 }  
B6-0183/2007 }  
B6-0185/2007 } RC1

## MOZZJONI KONĠUNTA GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skond l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Thomas Mann, Bernd Posselt u Eija-Riitta Korhola, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Pasqualina Napoletano u Marc Tarabella, f'isem il-Grupp PSE
- Jules Maaten u Marios Matsakis, f'isem il-Grupp ALDE
- Gintaras Didžiokas, Michał Tomasz Kamiński, Adam Bielan u Marek Aleksander Czarnecki, f'isem il-Grupp UEN
- Frithjof Schmidt, Raúl Romeva i Rueda u Elisabeth Schroedter, f'isem il-Grupp Verts/ALE
- Tobias Pflüger, f'isem il-Grupp GUE/NGL

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PSE (B6-0160/2007)
- ALDE (B6-0173/2007)
- GUE/NGL (B6-0176/2007)
- Verts/ALE (B6-0181/2007)
- PPE-DE (B6-0183/2007)
- UEN (B6-0185/2007)

dwar il-Filippini

RC\664804MT.doc

PE 387.135v01-00}  
PE 389.439v01-00}  
PE 389.442v01-00}  
PE 389.447v01-00}  
PE 389.449v01-00}  
PE 389.451v01-00} RC1

MT

MT

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Filippini

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni Indipendenti sabiex Tindirizza Każijiet ta' Qtil ta' Ġurnalisti u Attivisti, ippreseduta mill-Imhalled Jose Melo, li ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2007,
  - wara li kkunsidra r-rapport preliminarju ta' Philip Alston, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji,
  - wara li kkunsidra l-istqarrija tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħelsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tul il-ġlieda kontra t-terroriżmu, Martin Scheinin, tat-12 ta' Marzu 2007,
  - wara li kkunsidra l-wegħdiet li għamel il-Gvern tal-Filippini lill-komunità internazzjonali qabel ma ġie magħżul għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura ta' l-1984, kif ratifikata mill-Filippini fit-18 ta' Ġunju 1986, kif ukoll l-Ewwel u t-Tieni Protokoll mhux Obbligatorju tagħha, li jippermettu, rispettivament, l-ilmenti individwali u ż-żjarat lil faċilitajiet ta' detenzjoni minn korpi indipendenti,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar Għajbien Sfurzat,
  - wara li kkunsidra l-elezzjonijiet tal-Kungress u l-elezzjonijiet lokali li se jsiru fil-Filippini fl-14 ta' Mejju, u l-missjoni ta' osservaturi ta' l-UE li ser tintbagħat,
  - wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta tal-Ko-Chairpersons tas-16-il Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-ASEAN tal-15 ta' Marzu 2007,
  - wara li kkunsidra l-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM) tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tat-28 u d-29 ta' Mejju f'Hamburg,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza f'isem l-UE dwar l-abolizzjoni kompluta tal-piena tal-mewt fil-Filippini tas-26 ta' Ġunju 2006,
  - wara li kkunsidra l-Karta ta' Strateġija dwar Pajjiż (CSP) tal-Kummissjoni Ewropea, u l-Programm Indikattiv Nazzjonali (NIP) 2005-2006 għall-Filippini,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Filippini,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi f'dawn l-aħħar snin, in-numru ta' każijiet ta' qtil b'motiv politiku fil-Filippini kiber b'mod drammatiku, u li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħti lok għal tħassib serju,

RC\664804MT.doc

PE 387.135v01-00}  
PE 389.439v01-00}  
PE 389.442v01-00}  
PE 389.447v01-00}  
PE 389.449v01-00}  
PE 389.451v01-00} RC1

- B. billi l-organizzazzjoni lokali tad-drittijiet tal-bniedem Karapatan irreġistrat 180 każ ta' għajbien sfurzati u aktar minn 800 każ ta' qtil, ħafna minnhom minn persuni armati mhux identifikati, sa mill-2001,
- C. billi ħafna mill-persuni maqtula, bħalma huma membri tal-partiti ta' l-oppożizzjoni, persuni involuti fil-knejjes, mexxejja tal-komunità, bdiewa, avukati, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, trejtdjunjonisti, jew sempliċi xhieda ta' każijiet ta' qtil extra-ġudizzjarju, qed jiġu akkużati minn rappreżentanti tal-gvern li huma "organizzazzjonijiet ta' faċċata" għal gruppi armati illegali u "terroristi",
- D. billi l-President Gloria Macapagal-Arroyo ħatret kummissjoni indipendenti ta' livell għoli (il-Kummissjoni Melo) sabiex teżamina l-problema, kif ukoll "task force" tal-pulizija fuq livell nazzjonali (Task Force Usig) sabiex b'ħeffa tinvestiga l-każijiet ta' qtil, u tressaq lill-persuni responsabbli quddiem Qorti,
- F. billi kemm is-sejbiet tal-Kummissjoni Melo kif ukoll ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet tar-Rapporteur speċjali tan-NU jindikaw l-involviment ta' l-Armata f'dawn il-qtil politiku, u billi l-attakki rari jwasslu sabiex il-qattielja jiġu mixlija, arrestati jew proċessati,
- G. billi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Melo jinkludu: il-ħolqien ta' aġenzija investigattiva ċivili indipendenti li jkollha l-awtorità li teżegwixxi l-mandati u tagħmel arresti; it-taħriġ tal-prosekuturi; il-ħolqien ta' Qrati Speċjali biex jaħdmu fuq dawn il-każijiet; it-titjib tal-Programm tal-Protezzjoni tax-Xhieda; żieda fil-ħiliet investigattivi tal-pulizija; u orjentament u taħriġ għall-forzi tas-sigurtà,
- I. billi bħala segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Melo, il-President Arroyo ħarġet pjan ta' 6 punti sabiex jieqfu l-każijiet ta' qtil extra-ġudizzjarju, liema pjan jinkludi ordni lid-Dipartiment tal-Ġustizzja sabiex iwessa' u jtejjeb il-Programm tal-Protezzjoni tax-Xhieda, talbiet lill-Qorti Suprema għall-ħolqien ta' Qrati Speċjali sabiex jipproċessaw lill-persuni akkużati b'każijiet ta' qtil ta natura politika jew ideoloġika, lill-Forzi Armati tal-Filippini (AFP) sabiex joħorġu dokument ġdid dwar ir-Responsabilità tal-Kmand u lid-Dipartiment tal-Ġustizzja u d-Difiża Nazzjonali sabiex jikkordinaw mal-Kummissjoni indipendenti Melo dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ordni lid-Dipartiment ta' l-Affarjiet Barranin sabiex jippreżenta talba formali lill-Unjoni Ewropea (UE), lil Spanja, lil-Finlandja u lill-Iżvezja sabiex jibagħtu investigaturi sabiex jassistu lill-Kummissjoni,
- J. billi l-miżuri kontra t-terroriżmu adottati mill-gvern riċentement wasslu għal tħassib serju dwar il-ksur potenzjali tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni miżmuma fuq il-bażi ta' din il-liġi,
  - 1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar in-numru li qed jikber ta' każijiet ta' qtil politiku li seħħew fis-snin riċenti fil-Filippini, u l-irwol tal-forzi ta' l-armata f'dawn il-każijiet ta' qtil; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Filippini sabiex jagħmlu l-investigazzjonijiet meħtieġa b'mod f'waqtu, bir-reqqa u trasparenti, u li jipproċedi kontra l-persuni responsabbli;

2. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi, il-qtil ta' Siche Bustamante-Gandinao, attivista dedikata tad-drittijiet tal-bniedem li nqatlet ftit jiem wara li xehdet quddiem ir-Rapporteur Speċjali tan-NU, u huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe investigazzjoni mill-pulizija dwar dan il-każ importanti,
3. Huwa tal-fehma li l-adozzjoni ta' l-Att dwar is-Sigurtà tal-Bniedem 2007, li ser jidħol fis-seħħ f'Lulju 2007, aktarx se jkompli jżid l-incidenta ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Forzi tas-Sigurtà, għax ser tagħti lok għal arresti mingħajr mandat u detensjoni arbitrarja sa tul ta' tlett ijiem; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Gvern tal-Filippini sabiex jintroduċi miżuri konkreti ta' protezzjoni sabiex jevita l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din il-liġi;
4. Jikkundanna l-attakki fuq gruppi legali ta' oppożizzjoni, u jistieden lill-awtoritajiet sabiex iġibu fi tmiemhom l-allegazzjonijiet ta' konfoffi bejn gruppi oppożizzjoni paċifika u gruppi armati illegali;
5. Jilqa' bi pjaċir it-twaqqif u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Melo u t-twaqqif tat-Task Force Usig, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-President Arroyo tat-30 ta' Jannar li hi "ma tittollerax ksur tad-drittijiet tal-bniedem" bħala l-ewwel pass;
6. Jistieden lill-gvern sabiex jadotta miżuri sabiex tintemm l-intimidazzjoni u l-fastidju sistematiku tax-xhieda b'konnessjoni mal-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' qtil, u jiżgura ħarsien tax-xhieda li jkun verament effettiv; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li ma tibqax tiġi incitata l-vjolenza kontra wħud mill-gruppi politiċi u tas-soċjetà ċivili, u sabiex jerġgħu jiġu introdotti l-mekkaniżmi normali ta' responsabilizzazzjoni sabiex jaqtgħu l-abbużi mill-gvern; f'dan is-sens, jistieden b'mod partikulari lill-Ombudsman sabiex jieħu l-irwol kostituzzjonali tiegħu bis-serjetà fir-rigward tar-rispons għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju attribwiti lil uffiċjali pubbliċi;
7. Iħares b'mod pożittiv lejn il-Programm ta' Sitt Punti tal-gvern sabiex jintemmu l-każijiet ta' qtil politiku; jisħaq, madankollu, li l-Gvern tal-Filippini jrid juri impenn ġenwin li jinvestiga dawn il-każijiet ta' qtil, u li huwa lest li jipproċedi kontra l-persuni responsabbli għalihom, inklużi rappreżentanti tal-forzi tas-sigurtà; jinnota li s'issa, ħafna mill-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu difettużi;
8. Jilqa' bi pjaċir l-iffirmar mill-President Arroyo fl-24 ta' Ġunju 2006 tal-leġiżlazzjoni li tabolixxi l-piena tal-mewt fil-Filippini; jistieden ukoll lill-awtoritajiet Filippini sabiex jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar Għajbien Sfurzat li ġie adottata dan l-aħħar, u sabiex jadottaw leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni;
9. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-klima ta' impunità għandha impatt korrużiv fuq il-kunfidenza tal-pubbliku fl-istat tad-dritt u li l-każijiet ta' qtil joħolqu klima li fiha l-poplu fil-Filippini ma jistax iħossu ħieles li jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' espressjoni u assoċjazzjoni politika,
10. Jappella lill-President sabiex tieħu azzjoni immedjata sabiex tevita r-riskju li tkompli tinfirex il-vjolenza qabel u waqt l-elezzjonijiet li ġejjin,

RC\664804MT.doc

PE 387.135v01-00}  
 PE 389.439v01-00}  
 PE 389.442v01-00}  
 PE 389.447v01-00}  
 PE 389.449v01-00}  
 PE 389.451v01-00} RC1

11. Jistieden lill-Gvern tal-Filippini sabiex jiggarrantixxi s-sigurtà ta' dawk li japplikaw għad-distribuzzjoni mill-ġdid ta' l-art skond il-Programm Komprensiv ta' Riforma Agrarja (CARP) u sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tal-programm ta' tqassim mill-ġdid ta' l-artijiet, sabiex taħsad waħda mir-raġunijiet ewlenin tal-vjolenza politika;
12. Jilqa' bi pjaċir it-tħabbira tal-Kummissjoni li hi ser tagħti kontribut għall-isforzi tal-Gvern tal-Filippini fir-rigward ta' l-inkjesti tal-każijiet ta' qtil extra-ġudizzjarju, billi tibgħat tim ta' esperti;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-Risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membru ta' l-ASEAN u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Filippini.